



Lussemburgu, 22 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9850/21

SUSTDEV 82
ONU 57
DEVGEN 125
ENV 433
RELEX 567
AG 53
AGRI 280
TRANS 400

ENER 284
COHOM 99
JEUN 63
EDUC 232
COMER 60
WTO 156
CULT 39
COHAFA 57

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	22 ta' Ġunju 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	9600/21 + ADD 1
Suġġett:	Approċċ komprensiv biex titthaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp sostenibbli – Nibnu mill-ġdid aħjar wara l-kriżi tal-COVID-19 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (22 ta' Ġunju 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ komprensiv biex titthaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp sostenibbli – Nibnu mill-ġdid aħjar wara l-kriżi tal-COVID-19, kif adottati mill-Kunsill fit-3805 laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Ġunju 2021.

**Approċċ komprensiv biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-
iżvilupp sostenibbli – Nibnu mill-ġdid aħjar wara l-kriżi tal-COVID-19**

Konklużjonijiet tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. *JAFFERMA MILL-ĠDID* li l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw bis-siġh l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, li jkomplu jiggwidaw l-azzjonijiet meħuda mill-UE u l-Istati Membri tagħha, kemm internament kif ukoll esternament biex nibnu mill-ġdid aħjar. *IFAKKAR* fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2017, April 2019 u Diċembru 2019, kif ukoll fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2018, u *JAFFERMA MILL-ĠDID* l-impenji li jinsabu fihom.
2. *IFAKKAR* li l-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-awtonomizzazzjoni tan-nisa u l-bniet bħala prijorità fl-oqsma kollha ta' azzjoni. *IFAKKAR* ukoll li l-UE hija impenjata li tippromwovi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, li jinkludi d-drittijiet tal-bniedem kollha, kemm jekk ikunu drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali jew kulturali, fil-qalba tal-inizjattivi kollha relatati mal-SDGs. *JIRRIKONNOXXI* wkoll l-importanza li ssir enfasi fuq l-educazzjoni trasformattiva fil-livelli kollha bħala element kruċjali għat-tisħiħ tal-pożizzjoni taċ-ċittadini biex jikkontribwixxu għal dawn l-oġettivi.

L-isfidi tal-COVID-19

3. *JIRRIKONOXXI* li l-pandemija tal-COVID-19 qed thedded il-progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u reġgħet lura parti mill-progress li sar fl-UE u madwar id-dinja. *JENFASIZZA* li l-pandemija u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha kellhom impatti sproporzjonati fuq in-nisa u l-bniet, inkluż it-tbatija minn vjolenza akbar abbażi tal-ġeneru, inkluż vjolenza domestika u aċċess interrott għas-servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, li jeħtieġu rispons globali u ambizzjuż. L-UE tibqa' impenjata lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet kollha tal-bniedem u lejn l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u tibqa' impenjata lejn is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jieħu deċiżjonijiet b'mod liberu u responsabbli b'rabta magħhom, ħieles mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi tal-kura tas-saħħa.
- JISSOTTOLINJA* li l-Aġenda 2030 tipprovdi l-pjan komuni biex jiġi żgurat irkupru sostenibbli li jkun ekwu, inklużiv, soċjalment ġust, reżiljenti u ekoloġiku. *JENFASIZZA* li l-implimentazzjoni tagħha hija essenzjali għad-dinja tagħna biex il-futur wara l-pandemija jkun għani għal kulħadd u biex tiġi żgurata haġja paċifika u sigura għall-ġenerazzjonijiet attwali u dawk li jmiss mingħajr ma jinqabżu l-limiti tal-pjaneta tagħna, billi jitħarsu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jiġu protetti l-klima u l-ambjent, jinbnew ekonomiji moderni, dinamiċi u inklużivi, jittejbu l-istandards tal-ġajxien u tax-xogħol, u jitnaqqsu l-inugwaljanzi, bla ma ħadd jitħalla jibqa' lura.

4. *JENFASIZZA* li, minħabba l-isfidi mill-kriżi tal-COVID-19, ma għadhiex aktar għażla iżda neċessità li titħaffef l-azzjoni konġunta innovattiva u deċiżiva u jiġu allinjati l-investimenti lejn il-kisba tal-SDGs, billi jitwettqu riformi strutturali urġenti u l-bini mill-ġdid isir aħjar u b'mod aktar ekoloġiku, biex jiġu indirizzati b'mod effettiv il-kawżi fundamentali tal-mard zoonotiku kif ukoll xokkijiet oħra u kriżijiet futuri. *JILQA'*, f'dan ir-rigward, il-fatt li l-azzjoni tal-Kummissjoni ser tibqa' ggwidata mill-Aġenda 2030 u s-17-il SDG tagħha, kemm internament kif ukoll esternament, kif ukoll minn ftehimiet u strumenti multilaterali oħra, inkluż il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika.
5. *JIRRIKONOXXI* l-ħtieġa urġenti li titħaffef l-azzjoni fil-livelli kollha u mill-partijiet kkonċernati kollha sabiex jiġu ssodisfati l-viżjoni u l-għanijiet tal-Aġenda 2030, filwaqt li jitqies li l-SDGs huma integrati u indiviżibbli. *JINNOTA*, f'dan ir-rigward, l-opportunità pprovduta mill-aġenda internazzjonali fl-2021 bil-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima - COP26, il-Konferenza tan-NU dwar il-Bijodiversità (COP 15), u s-Summit tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel, kif ukoll il-Laqgħat Ministerjali u s-Summit tal-G20, inkluż dwar is-Saħħa Globali, biex tissaħħaħ u titħaffef l-implimentazzjoni kollettiva tal-Aġenda 2030 b'mod integrat.

Jissaħħaħ id-djalogu bejn il-Kunsill u l-Kummissjoni bil-għan komuni li jsir aktar progress fl-implimentazzjoni tal-SDGs

6. *JAFFERMA MILL-ĠDID* l-appoġġ qawwi tal-UE u l-Istati Membri tagħha għad-Deċennju ta' Azzjoni tan-NU biex titwettaq l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u *JIRRIKONOXXI* l-ħtieġa li jsir aktar progress fir-rigward ta' approċċ integrat, strateġiku, ambizzjuż u komprensiv tal-UE għall-implimentazzjoni tal-SDGs.

7. F'dan ir-rigward, *JILQA'* d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Delivering on the UN's Sustainable Development Goals – A comprehensive approach (It-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU – Approċċ komprensiv)". *JILQA'* l-impenn tal-Kummissjoni favur: - l-integrazzjoni tal-SDGs rilevanti fis-Semestru Ewropew, il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u l-istrument ta' rkupru "Next Generation EU";
- l-inkorporazzjoni tal-SDGs fil-proposti tagħha u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-istrumenti tal-UE, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-SDGs fl-għodod ta' regolamentazzjoni aħjar; - l-iżgurar tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp Sostenibbli (PCSD); - l-iżgurar ta' impenn qawwi tal-UE fid-dinja biex jitrawmu sħubijiet internazzjonali għall-kisba tal-Aġenda 2030 u l-SDGs;
 - l-inkoraġġiment tal-involvement tas-soċjetà ċivili, is-settur privat u partijiet ikkonċernati oħra u
 - it-twettiq ta' monitoraġġ u rappurtar regolari u effettivi għall-azzjonijiet interni u esterni tagħha.
8. *JIRRIKONOXXI* l-ħtieġa li ssir enfasi fuq azzjonijiet operazzjonali konkreti fil-livelli kollha biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-SDGs tagħha permezz ta' objettivi, miżuri u skedi ta' żmien konkreti, li huma u li ser ikomplu jiġu prinċipalment stabbiliti permezz ta' politiki settorjali, filwaqt li tiġi ssottolinjata l-importanza tal-allinjament tal-implimentazzjoni tal-ambizzjonijiet ewlenin mal-SDGs rilevanti b'mod effettiv u koerenti.
9. *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni biex tipproponi tali azzjonijiet konkreti biex jiġu implimentati l-SDGs, filwaqt li tibni fuq id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tagħha u flimkien mat-twettiq tal-ambizzjonijiet ewlenin tal-President tal-Kummissjoni – Patt Ekoloġiku Ewropew, ekonomija li taħdem għan-nies, Ewropa lesta għall-era diġitali, il-promozzjoni tal-istil ta' ħajja Ewropew tagħna, Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja u spinta għda għad-demokrazija Ewropea – u mal-programmi ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni.
10. *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni biex tidħol fi djalogu strutturat regolari mal-Kunsill fil-kuntest tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, biex tippromwovi aktar approċċ integrat, strateġiku, ambizzjuż u komprensiv għall-implimentazzjoni tal-SDGs, tindirizza kwistjonijiet trasversali ġenerali relatati mal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, tevalwa l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livell tal-UE b'mod integrat u koerenti, u tiddiskuti l-orjentazzjonijiet strateġiċi kif xieraq.

11. *JAPPELLA* biex ikun hemm djalogu regolari kemm qabel l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni, abbażi tal-aħħar rapport tal-Eurostat, kif ukoll wara l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma, abbażi ta' sommarju tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tal-SDGs fil-programm ta' ħidma bil-ħsieb tad-dikjarazzjoni konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi annwali.
12. *JITLOB* lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-programmazzjoni pluriennali, biex tiġbor b'mod regolari l-oġettivi, il-miżuri konkreti u l-iskedi ta' żmien l-aktar importanti eżistenti f'politiki trasformattivi ewlenin u tivvalutahom flimkien mar-rapporti tal-Eurostat. Din il-valutazzjoni għandha tiġbor fil-qosor il-progress li sar f'inizjattivi speċifiċi tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, inkluż l-impatt tagħhom kif ukoll l-isfidi potenzjali, inkluż l-effetti konsegwenzjali, is-sinerġiji u l-kompromessi kif ukoll ir-riskji potenzjali li jista' jkollhom jiġu mitigati, u proposti għal azzjoni addizzjonali jew korrettiva fejn meħtieġ. Din il-valutazzjoni għandha tiġi ppreżentata bil-miktub lill-Kunsill qabel l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-konklużjonijiet konġunti tat-tliet istituzzjonijiet dwar il-programmazzjoni pluriennali u qabel tmiem it-terminu leġiżlattiv sabiex titħejja l-programmazzjoni mill-Kummissjoni maħtura li jmiss.
13. *JIEĦU L-IMPENN* li jirrieżamina l-progress fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 fil-livell tal-UE fil-kuntest ta' dak id-djalogu regolari. *JIRRIKONOXXI* l-importanza tal-isforzi għall-inkorporazzjoni u l-integrazzjoni aħjar tal-SDGs b'mod konsistenti u koerenti fil-ħidma kollha tiegħu fost is-setturi ta' politika kollha u *JIEĦU L-IMPENN* li jżid dawn l-isforzi.
14. *JIEĦU NOTA* tal-istruttura ta' governanza tal-SDGs fil-Kummissjoni u *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni biex tiċċara, f'dan ir-rigward, kif qed tiġi żgurata l-koerenza orizzontali bejn ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-Kummissarji dwar l-SDGs, kif ukoll koordinazzjoni effettiva bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE. Ikompli *JINKORAĠĠIXXI* lill-Kummissjoni biex tkompli trawwem politiki koerenti u trasformattivi, billi tiżviluppa l-approċċ tagħha ta' "gvern sħiħ" għal wieħed ta' "soċjetà sħiħa".

Oqsma ta' prijorità biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-SDGs

15. *JIEĦU NOTA* tad-diversi strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni adottati mill-Kummissjoni s'issa biex tindirizza l-isfidi f'oqsma ta' politika speċifiċi u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-SDGs. *JENFASIZZA* li dawn jeħtieġ li jiġu implimentati mingħajr dewmien waqt li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri.
16. *IFAKKAR* li l-implimentazzjoni tal-SDGs tirrappreżenta responsabbiltà kondiviża, li teħtieġ azzjoni fil-livelli nazzjonali, subnazzjonali u lokali, u *JĦEĠĠEĠ* lill-Istati Membri biex jgħollu l-livell ta' ambizzjoni tar-risponsi nazzjonali tagħhom dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, billi jħaffu l-inkorporazzjoni tagħha fl-istrumenti ta' ppjanar, il-politiki, l-istrateġiji, inkluż l-Istrateġiji Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli (NSDS), u l-oqfsa finanzjarji nazzjonali, kif xieraq.
17. *JILQA'* l-impenn tal-Kummissjoni li tiżgura l-koerenza fil-politika għall-iżvilupp sostenibbli bħala parti ċentrali tal-approċċ integrat, strateġiku, ambizzjuż u komprensiv għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. *IFAKKAR* ukoll fil-fatt li s-sistema tal-Kummissjoni Ewropea ta' regolamentazzjoni aħjar qed tikkontribwixxi għall-PCSD billi tidentifika u tivvaluta sinerġiji u kompromessi, kif ukoll effetti konsegwenzjali fuq pajjiżi sħab, bil-ħsieb li dawn jiġu indirizzati. *JILQA'* l-oġettiv fil-Komunikazzjoni "Regolazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar" li tipproponi bosta titjib għall-inkorporazzjoni tal-SDGs biex tgħin tiżgura li kull proposta leġislattiva tikkontribwixxi għall-Aġenda 2030, inkluż l-identifikazzjoni tal-SDGs rilevanti għal kull proposta u l-eżami ta' kif l-inizjattiva ser tappoġġa l-kisba tagħhom. *JIRRIKONNOXXI*, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-erba' lievi tal-bidla – il-Governanza; l-Ekonomija u l-Finanzi; l-Azzjoni Indivdwali u Kollettiva; u x-Xjenza u t-Teknoloġija – bħala lievi kruċjali għall-kisba tal-SDGs b'mod koerenti.

18. *IFAKKAR* fl-integrazzjoni tal-SDGs rilevanti fis-Semestru Ewropew, bl-inklużjoni ta' kapitolu dwar is-sostenibbiltà ambjentali fir-rapporti tal-pajjiżi u anness dedikat li jirrapporta dwar il-prestazzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-SDGs. *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni tipprovdi aktar ċarezza dwar kif l-Istati Membri mistennija jirrapportaw dwar l-SDGs rilevanti fil-qafas tas-Semestru Ewropew u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv. *JENFASIZZA* li l-enfasi tas-Semestru Ewropew għandha tibqa' fuq il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, fiskali u dwar l-impjiegi, għall-identifikazzjoni ta' sfidi ta' politika strutturali ewlenin u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-riformi. Fil-mandat tiegħu, dan jinkludi wkoll li jinżamm rekord tal-progress lejn l-SDGs rilevanti, kif ukoll li jiggwida l-Unjoni u l-Istati Membri waqt l-isfidi tal-irkupru sostenibbli u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. F'dan ir-rigward, *JIRRIKONOXXI* li filwaqt li l-irkupru fuq perijodu qasir huwa prijorità, huwa importanti li l-eżerċizzji futuri tas-Semestru Ewropew jippreservaw tali impenji u għanijiet rilevanti, li jikkontribwixxu għar-reżiljenza u l-istabbiltà fit-tul.
19. *JILQA'* l-fatt li l-RRF għandha l-għan li tibni Ewropa aktar sostenibbli, reżiljenti u aktar ġusta, permezz ta' riformi u investimenti pubbliċi b'rispons għall-isfidi identifikati fil-kuntest tas-Semestru, inkluż fir-rigward tal-SDGs. *JILQA'* l-fatt li l-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza (NRRPs) ser jindirizzaw oqsma ta' politika ta' rilevanza Ewropea strutturati madwar sitt pilastri li jkopru diversi SDGs. Abbażi tar-rappurtar mill-Istati Membri fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni biex tindirizza, fil-monitoraġġ tagħhom tal-implimentazzjoni tal-NRRPs, kif dawn jistgħu jikkontribwixxu b'mod aktar effettiv għall-implimentazzjoni tal-SDGs rilevanti.

20. *JIRRIKONNOXXI* l-baġit tal-Unjoni, inkluż id-dikjarazzjonijiet tal-programmi, bħala strument effettiv biex jappoġġa l-progress fil-SDGs u l-isforzi tal-Kummissjoni biex tivvaluta kif il-politiki baġitarji inklużi fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) jistgħu jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 internament u esternament. *IFAKKAR* li l-Kummissjoni għandha tħejji rapporti annwali biex jakkumpanjaw il-baġit ġenerali tal-Unjoni, inkluż dwar l-implimentazzjoni tal-SDGs fil-programmi rilevanti kollha tal-Unjoni tal-QFP 2021–2027. F'dan ir-rigward, *JINKORAĠĠIXXI* lill-Kummissjoni biex tkompli tiżviluppa aktar metodoloġija koerenti ta' traċċar tan-nefqa tal-SDG, li tirrifletti n-natura trasversali tal-SDGs u l-kontribuzzjoni simultanja tal-programmi għal SDGs differenti, biex jiġi esplorat kif il-QFP, l-RRF, u l-Qafas Ewropew ta' Baġitjar Ekoloġiku jistgħu jikkontribwixxu għall-kisba tal-SDGs. B'kont meħud tal-prinċipju ta' "La tagħmilx ħsara sinifikanti" dan għandu jsir skont it-tifsira tar-Regolament dwar it-Tassonomija tal-UE kif ukoll il-prinċipju "Ħadd ma jitħalla jibqa' lura".
21. *JILQA'* l-edizzjoni tal-2020 tal-"Monitoring report on status and progress towards the SDGs in an EU context (Rapport ta' monitoraġġ dwar l-istatus u l-progress lejn l-SDGs f'kontest tal-UE)" tal-Eurostat u r-rabta aktar mill-qrib bejn l-edizzjoni tal-2020 u s-Semestru Ewropew, permezz tal-kapitolu dwar il-progress mill-Istati Membri tal-UE lejn l-SDGs.
22. *JILQA'* l-progress li sar fir-rigward ta' diversi għanijiet, iżda *JINNOTA* li l-progress f'xi għanijiet kien aktar mgħaġġel milli f'oħrajn u *JESPRIMI* tħassib li għal xi oqsma speċifiċi ttieħdet id-direzzjoni opposta. *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni, f'dan il-kontest u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà, biex tiegħu miżuri biex tindirizza l-oqsma fejn jeħtieġ sforz ulterjuri, inkluż it-titjib tad-data u l-monitoraġġ għal dawk li qed jiffaċċjaw il-marġinalizzazzjoni u l-esklużjoni. *JENFASIZZA* wkoll ir-rilevanza ta' settijiet oħra ta' indikaturi bħala suppliment għad-data tal-Eurostat u l-monitoraġġ tiegħu tal-progress lejn l-SDGs. *JENFASIZZA* wkoll l-importanza li jittejbu s-sorsi tad-data u l-prontezza tagħhom u li jintgħażlu indikaturi biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' data adegwata, tista' titkejjel, diżaggregata u suffiċjenti u approċċ ibbażat fuq ix-xjenza sabiex jiġu evitati lakuni serji u interpretazzjonijiet ħżiena potenzjali dwar il-progress miksub.

23. *JILQA'* l-ħidma li saret mill-Eurostat fl-iżvilupp tar-rapport ta' monitoraġġ tiegħu dwar l-SDGs u r-rieżami u t-titjib kontinwi tas-sett ta' indikaturi tal-SDGs tal-UE użat għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-SDGs f'kuntest tal-UE, billi jitqiesu l-kuntest u d-data speċifiċi għall-pajjiż, inkluż id-diżaggregazzjoni tad-data sal-livell subnazzjonali, id-data ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, l-indikaturi globali tal-SDGs maqbula fil-livell tan-NU u l-ħidma mwettqa minn organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra. *JAPPELLA* għall-għażla tal-indikaturi biex titqies id-disponibbiltà ta' data statistika adegwata li tippermetti valutazzjoni komprensiva tal-progress fl-Għanijiet kollha kemm fil-livelli nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. *JAPPELLA* wkoll għal involviment ulterjuri tal-Istati Membri mil-lat tematiku fl-għażla tal-indikaturi, inkluż permezz ta' kumitati rilevanti bħall-Grupp ta' Indikaturi tal-Kumitat tal-Impjiegi u s-Sottogrupp tal-Indikaturi tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.
24. *JIRRIKONOXXI* li r-rieżami tal-2021 għandu l-għan li jadatta s-sett ta' indikaturi tal-SDGs tal-UE għall-Patt Ekoloġiku tal-Kummissjoni u proposti reċenti jew futuri oħra. *JISSOTTOLINJA* li l-indikaturi li jikkonċernaw l-effetti konsegwenzjali ġġenerati mill-UE madwar id-dinja jeħtieġ li jittejjbu u jintużaw aktar u *JILQA'* l-fatt li l-edizzjoni tal-2021 tar-rapport ta' monitoraġġ tal-SDGs tal-UE ser tinkludi taqsima dwar l-effetti tal-COVID-19, kif ukoll l-effetti konsegwenzjali ta' kopertura estiża u indikaturi tad-distakki. Ikompli *JINKORAĠĠIXXI* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu użu aħjar mir-rapport ta' monitoraġġ tal-SDGs tal-Eurostat meta jifformulaw proposti ta' politika jew jiżviluppaw politiki.
25. *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħeġġu aktar l-involviment tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta' konsultazzjoni dwar ir-rieżami tas-sett ta' indikaturi tal-SDGs tal-UE.

It-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-iżvilupp sostenibbli

26. *JAFFERMA MILL-ĠDID* l-importanza tat-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-iżvilupp sostenibbli għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużjoni, l-iżvilupp tal-bniedem, il-koeżjoni soċjali u l-ugwaljanza fil-forom kollha tagħha, kif ukoll id-djalogu soċjali, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u x-xogħol deċenti. *JILQA'* l-impenn tal-Kummissjoni li timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali b'kunsiderazzjoni xierqa tal-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u bil-ħsieb li jiġi ggarantit rkupru ġust, inklużiv u reżiljenti u tissaħħaħ l-ekwità soċjali, b'mod partikolari fit-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, biex tiżgura li ħadd ma jitħalla barra. *JIEĦU NOTA* tal-fatt li l-Kummissjoni ppreżentat miri ewlenin ġodda tal-UE għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-kontribut tagħha għall-implimentazzjoni tal-SDGs kif ukoll l-inklużjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fl-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. *JENFASIZA* li l-miri ewlenin ġodda proposti għall-2030, kif ukoll il-proposta għal reviżjoni tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali, jappoġġaw l-SDGs. *JILQA'*, f'dan ir-rigward, is-Summit Soċjali ta' Porto, li jista' jagħti impetu politiku għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu. *JISSOTTOLINJA* wkoll l-importanza tal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa u, b'mod partikolari, il-Patt għall-Ħiliet tagħha. *JILQA'* wkoll il-pjan tal-Kummissjoni li toħroġ komunikazzjoni dwar Xogħol Deċenti mad-Dinja kollha.
27. *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni biex tipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar ir-rwol tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fis-Semestru Ewropew fil-futur, biex tiżgura li t-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli, jiġifieri dik ekonomika, soċjali u ambjentali, u l-interkonnessjonijiet eżistenti bejn l-SDGs jiġu indirizzati b'mod xieraq u bilanċjat.

28. *ITENNI* l-impenn tal-UE li tissodisfa l-ħtiġijiet u tipproteġi d-drittijiet tan-nisa u l-bniet u li tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. F'dan ir-rigward, *JENFASIZZA* li l-UE hija impenjata għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' miżuri ta' politika għat-twettiq tal-SDG5 bħala għan awtonomu, u *JTENNI* li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżguraw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki sensittivi għall-ġeneru u trasformattivi bħala kontribut ewlieni għall-kisba b'suċċess tal-SDGs. Fid-dawl ta' dan, skont l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 tal-Kummissjoni, l-inugwaljanza bejn il-ġeneri hija problema globali. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżi tal-pożizzjoni tan-nisa huma objettiv ewlieni tal-azzjoni esterna tal-UE. Huwa *JIEĦU NOTA* wkoll tal-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli dwar it-tielet Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (GAP).

Il-kontribut tal-Patt Ekoloġiku Ewropew lejn l-SDGs

29. *JENFASIZZA* l-ħtieġa ta' dimensjoni ambjentali b'saħħitha sabiex tiġi ssodisfata l-ambizzjoni tal-Aġenda 2030 kif ukoll l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. F'dan ir-rigward, *JILQA'* l-Qbil politiku proviżorju dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima miksub min-negozjaturi tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew fl-20 ta' April u jistenna b'interess l-preżentazzjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-pakkett "Fit for 55" u proposti legali oħra biex jiġu implimentati l-miri ambizzjużi tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u strateġiji rilevanti oħra.
30. *JILQA'* l-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala l-istrateġija l-għdida ta' tkabbir sostenibbli proposta mill-Kummissjoni u l-ambizzjoni li tikkontribwixxi direttament għal 12 mis-17-il SDG. Filwaqt li jinnota l-opportunitajiet ta' finanzjament sostenibbli għall-appoġġ ta' tkabbir ekonomiku li jikkontribwixxi għall-oġġettivi ambjentali u soċjali tal-UE waqt li jevita l-ħsara, *JISTENNA B'INTERESS* l-Istrateġija mġedda tal-Kummissjoni għall-Finanzi Sostenibbli, li għandha l-għan li tirrevedi l-istrateġija finanzjarja attwali u ssaħħa l-ambizzjoni biex tkun taqbel ma' dik tal-Patt Ekoloġiku Ewropew fil-kuntest tal-programm tal-UE għall-irkupru mill-COVID-19, u *JISSOTTOLINJA* l-importanza tal-implimentazzjoni xierqa tagħha. *JENFASIZZA* r-rwol importanti tas-settur privat għall-kisba tal-SDGs, *IFAKKAR* fl-importanza tat-tiżi tal-finanzjament sostenibbli u ekoloġiku għall-SMEs u l-intraprenditorija, u *JISTENNA B'INTERESS* inizjattiva leġiżlattiva futura dwar id-diliġenza dovuta obligatorja għall-kumpaniji u l-kontribut li tista' toffri r-responsabbiltà soċjali korporattiva.

It-tisħiħ tal-approċċ ta' soċjetà sħiħa għall-implimentazzjoni

31. *IFAKKAR* li l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 hija responsabbiltà kondiviża li teħtieġ approċċ ta' soċjetà sħiħa, permezz ta' involviment kontinwu u b'saħħtu tal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż l-awtoritajiet nazzjonali, subnazzjonali, reġjonali u lokali kollha u l-bliet, il-parlamenti nazzjonali, is-settur privat, is-sħab soċjali, d-dinja akkademika u l-komunitajiet epistemiċi u s-soċjetà ċivili. Hemm ukoll il-ħtieġa ta' sorveljanza u koordinazzjoni politika fil-livelli kollha, globali sa lokali, filwaqt li jitqiesu l-interkonnnessjonijiet bejn l-SDGs.
- JIRRIKONOXXI* l-importanza tad-dimensjoni taż-żgħażaġħ fl-Aġenda 2030 u r-rwol tat-tfal u ż-żgħażaġħ bħala aġenti tal-bidla u interlokuturi sinifikattivi fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-pjattaformi ta' governanza, f'konformità mal-SDGs, l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 u l-11-il Għan tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ 2019-2027. Barra minn hekk, *JIRRIKONOXXI* l-kontribut tal-kultura u tas-settur kulturali għall-SDGs, li jistgħu jissaħħu b'mod sinifikanti permezz tat-teknoloġiji diġitali l-ġodda.
32. *IFAKKAR* fir-rwol importanti li għandha l-Pjattaforma ta' Diversi Partijiet Ikkonċernati fl-arrikkiment tad-dibattitu dwar kif isir progress lejn l-SDGs u dwar compromessi u sinerġiji ta' politika eżistenti u s-soluzzjonijiet possibbli li jistgħu jiġu previsti fil-livelli lokali, subnazzjonali, nazzjonali u Ewropej. *IĦEĠĠEĠ* lill-Kummissjoni tistabbilixxi pjattaforma li tinvolvi firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati fil-ħidma tal-UE b'rabta mal-SDGs, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak globali, bi sħubija inklużiva u rappreżentattiva, biex tiffaċilita l-approċċ ta' soċjetà sħiħa biex tissaħħaħ l-azzjoni u t-twettiq tal-SDGs u tipprova żżomm kooperazzjoni tajba ma' inizjattivi bħall-Patt Klimatiku Ewropew u l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. *JIPPROPONI* li tintuża pjattaforma ġdida u mtejba, fost oħrajn, fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet, fejn isiru diskussjonijiet dwar ir-rapport ta' monitoraġġ annwali tal-Eurostat dwar l-SDGs u tkun ikkonsultata f'valutazzjoni tal-impatt għas-sostenibbiltà ta' inizjattivi ġodda.

33. *JAPPOĠĠA* l-inklużjoni tal-implimentazzjoni tal-SDGs fil-ħidma tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. *JISSOTTOLINJA* l-ħtieġa li jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-konsultazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ, sabiex tiġi riflessa b'mod xieraq l-interdipendenza tad-dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli u biex ikun possibbli djalogu msaħħaħ, strutturat u orjentat lejn ir-riżultati li jista' jinforma u jimmonitorja l-politiki tal-UE u l-kontribut tagħhom għall-implimentazzjoni tal-SDGs permezz ta' approċċ transsettorjali. *JILQA'* l-għan tal-Patt Klimatiku Ewropew li jlaqqa' flimkien partijiet ikkonċernati differenti u s-soċjetà ċivili f'impenn favur azzjoni klimatika u mgħiba aktar sostenibbli u jappoġġa l-integrazzjoni tal-implimentazzjoni tal-SDGs fl-attivitajiet tiegħu.
34. *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwettqu attivitajiet ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar l-Aġenda 2030, bil-ħsieb li jinvolvu u jikkondividu r-responsabbiltà maċ-ċittadini, is-settur privat u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra u jżidu s-sjieda kondiviża bejniethom, filwaqt li jiżguraw proċessi miftuħa u trasparenti għat-tfassil tal-politiki u jiksbu leġittimità akbar fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

It-titjib tal-azzjoni esterna għat-tħaffif tal-implimentazzjoni globali tal-SDGs

35. *IFAKKAR* li huwa fl-interess tal-UE li taqdi rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 globalment ukoll permezz tal-azzjoni esterna tagħha u *JAFFERMA MILL-ĠDID* li l-politika tal-iżvilupp u s-sħubiji internazzjonali huma parti importanti mir-rispons ġenerali tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-Aġenda 2030, f'konformità mal-Kunsens Ewropew il-ġdid għall-Iżvilupp u l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-UE, u *JENFASIZZA* l-ħtieġa ta' approċċ integrat.
36. *JENFASIZZA* li l-UE u l-Istati Membri jkomplu jagħmlu hilitom biex itejbu aktar l-effettività tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-forom kollha tagħha, biex iħaffu l-implimentazzjoni tal-SDGs.

37. Bħala l-fornitur dinji ewlieni ta' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, l-UE u l-Istati Membri tagħha *JIKKONDIVIDU* impenn qawwi biex jappoġġaw pajjiżi sħab u popolazzjonijiet f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, fejn il-ħtiġijiet huma l-akbar, inkluż il-pajjiżi l-inqas żviluppati u fraġli, l-Afrika, il-Viċinat u reġjuni ġeografiċi oħra, fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, inkluż l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp.
38. *JISSOTTOLINJA* r-rwol tal-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE u inizjattivi li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 f'pajjiżi sħab, inkluż l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI) u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+) u *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni biex tiżgura, permezz tal-implimentazzjoni tagħhom, li jikkontribwixxu b'mod attiv għall-progress lejn l-SDGs, f'konformità mal-qafas ta' politika tal-UE, u li l-UE kollha kemm hi tappoġġa l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li qed jaħdmu fuq l-Aġenda 2030 u li żżomm il-Kunsill infurmat dwar il-progress miksub.
39. *JINKORAĠĠIXXI* lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex itejbu l-isforzi tagħhom biex jaħdmu aħjar flimkien, inkluż permezz ta' programmazzjoni konġunta. *JIBQA' IMPENJAT* għall-approċċ ta' Tim Ewropa, inizjalment żviluppat bħala parti mir-rispons globali tal-UE għall-COVID-19, biex ifassal rispons Ewropew kollettiv li jinkludi l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri tal-UE, in-network diplomatiku tagħhom, l-istituzzjonijiet finanzjarji, inkluż il-banek nazzjonali tal-iżvilupp, u l-aġenziji ta' implimentazzjoni, kif ukoll il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) biex jappoġġaw lill-pajjiżi sħab lejn irkupru sostenibbli allinjat mal-implimentazzjoni tal-SDGs.
40. *JILQA'* l-kontribut sinifikanti tal-membri ta' Tim Ewropa għall-Aċċeleratur tal-Aċċess għall-Għodod kontra l-COVID-19 (ACT-A), inkluż il-pilastru tat-tilqim tiegħu COVAX, u l-Mekkaniżmu tal-UE propost għall-Kondiviżjoni tat-Tilqim bħala passi importanti lejn irkupru inklużiv, filwaqt li jirrikonoxxi wkoll il-kontribut importanti tiegħu għat-tisħiħ tas-sistema tas-saħħa f'ħafna pajjiżi sħab.

41. *JENFASIZZA* li rkupru ekoloġiku u inklużiv f'konformità mal-SDGs u l-Ftehim ta' Pariġi jeħtieġ l-aħjar użu tar-riżorsi finanzjarji disponibbli kollha. *IQIS*, f'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni għal Inizjattiva ta' Rkupru Globali li tgħaqqad l-investiment u s-serħan mid-dejn mal-SDGs bħala mod kif jiġi stabbilit irkupru sostenibbli u inklużiv mill-kriżi ta' wara l-COVID-19 tul perkors tassew trasformattiv, lejn il-kisba tal-SDGs sal-2030. *JILQA'* l-ħidma li għaddejja dwar azzjonijiet multilaterali dwar id-dejn u l-finanzjament sostenibbli, bħall-Inizjattiva dwar is-Sospensjoni tas-Servizz tad-Dejn (DSSI) u l-Qafas Komuni ġdid għat-Trattament tad-Dejn, li ġew adottati mill-G20/Klabb ta' Pariġi. *JIRRIKONOXXI* l-ħtieġa ta' governanza globali b'saħħitha u inklużiva u l-importanza li jsir progress fl-iżvilupp ulterjuri ta' sistema finanzjarja globali li tippreserva aħjar l-istabbiltà finanzjarja u tinfed l-iżvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet tiegħu. *JINKORAGĠLXXI* lill-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp li huma sħab tal-UE biex jagħtu rendikont u jirrapportaw dwar kif l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-SDGs, fl-operazzjonijiet tagħhom kemm fl-UE kif ukoll barra minnha, u biex ikomplu jsaħħu dan il-proċess, sabiex ir-rabta bejn il-finanzjament tal-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp, it-trasferiment tal-għarfien u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-appoġġ għall-SGDs tikseb viżibbiltà.
42. *JISSOTTOLINJA* li l-kummerċ huwa strument ċentrali għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. Jenfasizza l-kontribut pożittiv ta' kummerċ miftuħ u bbażat fuq ir-regoli biex jintlaħqu l-SDGs. *JIBQA'* impenjat favur sistema kummerċjali multilaterali miftuħa, trasparenti u bbażata fuq ir-regoli bi rwol ċentrali għad-WTO, ftehimiet kummerċjali li jwasslu għal żvilupp sostenibbli mil-lat soċjali u ambjentali u l-promozzjoni ta' kummerċ inklużiv u sostenibbli.

43. *JENFASIZZA* l-importanza li l-UE, bħala alleat naturali tan-NU u l-aġenziji tagħha, tkompli taqdi rwol ewlieni fl-appoġġ u l-promozzjoni ta' multilateraliżmu effettiv u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli bin-NU fil-qalba tiegħu, u fit-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 bħala aġenda universali kondiviża. *JISTIEDEN* lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex tafferma mill-ġdid l-impenn u r-rwol ewlieni tal-UE, billi tippreżenta l-approċċ integrat, strateġiku, ambizzjuż u komprensiv għat-twettiq tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-SDGs tagħha fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli (HLPF) tal-2021, u tħejji, f'kooperazzjoni mas-SEAE sa mhux aktar tard mill-2023, rieżami volontarju komprensiv tal-implimentazzjoni interna u esterna tal-UE tal-SDGs għall-kunsiderazzjoni fl-HLPF. *JENFASIZZA WKOLL* l-importanza li jiġi żgurat li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkunu rappreżentati fl-ogħla livell u bil-parteċipazzjoni wiesgħa tal-partijiet ikkonċernati, inkluż iż-żgħażaġh. *JENFASIZZA* li l-UE għandha tkompli tidentifika u żżid il-mezzi ta' kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-SDGs.
